ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 58/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, id-29 ta' Novembru 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

SEDUTA NRU. 57/10 TAL-1 TA' NOVEMBRU 2010

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 57/10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvata u ffirmata.

SEDUTA NRU. 57/10 TAD-19 TA' NOVEMBRU 2010

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 57/10 tad-19 ta' Novembru 2010, kontinwazzjoni tal-laqgħa ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Il-Kunsillier Refalo għamel referenza għall-pġ. 2 ir-raba' para. u qal hu u Camilleri ma kienu jafu xejn dwar il-kwistjoni tal-Power Sound.

Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

SEDUTA NRU. 57/10 TAL-1 TA' NOVEMBRU 2010

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

SEDUTA NRU. 57/10 TAD-19 TA' NOVEMBRU 2010

Il-Kunsillier Camilleri staqsa lis-Segretarja Eżekuttiva jekk kienetx kellmet lis-Sur Louis Portelli dwar it-traqqiegħ bil-*cold asphalt* u kien infurmaha li x-xogħol kien se jsir wara t-8 ta' Diċembru 2010.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Il-Kunsill Lokali approva (Laqgħa Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn nru. 06/2010):

Dwar il-palma ta' Pjazza San Pawl is-Sindku qal hu kellem lis-Sur Cremona ex-uffiċjal fid-Dipartiment tal-Agrikoltura fejn qallu li palma llum il-ġurnata tiswa mal-€1,000 u tista' tinqala' s-sena kollha. Biss qabel tinqala' għandha tinżabar u jħalluha bi tnax-il werqa, il-qalba tiġi marbuta għax-xitwa u titħawwel ġo ħawt.

Id-Deputat Sindku Joe Bajada u l-Kunsillier Refalo oġġezjonaw għar-*roundabout* ta' Triq il-Qbajjar .

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Petizzjoni minn diversi residenti fi Pjazza l-Assunta dwar il-proġett ta' *refurbishment* fl-istess pjazza.
Is-Sindku ssuġġerixxa li tinġabar il-korrispondenza relatata u ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-lokalita'.
Id-Deputat Sindku qal li l-applikazzjoni kienet tikkonsisti fi tħawwil ta' siġar taż-żebbuġ biss.
Il-Kunsillier Refalo qabel mad-Deputat Sindku u żied jgħid li qatt ma kien hemm approvazzjoni biex jitwessgħu l-bankini.
Is-Sindku ssospenda l-laqgħa biex membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jindirizzaw lill-Kunsill fuq din il-materja.
Is-Sur Francis Saliba li kien preżenti għall-laqgħa qal li din kienet se tkun problema għar-raħal speċjalment fil-ħinijiet tal-quddies għaliex wieħed u għoxrin *parking* kienu ftit wisq. Issuġġerixxa li l-pjanti jiġu mħawwla ġo qsari.

*E-mail* mibgħuta minn Gozo Jeep Tours dwar tindif fil-Bajja tax-Xwejni in kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Ġie rimarkat li dak ix-xogħol jaqa' taħt il-kompetenza tal-Ministeru għal Għawdex.

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar allegatt att vandalu fuq il-vettura tal-Kunsillier Camilleri. Is-Sindku qal li mhux ser jiehu sehem f' din id-diskussjoni peress li għad għandu ħafna pendenzi fil-Qorti fil-konfront tas-Sur Camillieri liema allegazzjonijiet magħmula mis-Sur Camilleri weġġgħu wkoll membri tal-familja tas-Sindku. Is-Sindku hawnhekk irtira mill-laqgħa. Filwaqt li d-Deputat Sindku ħa t-tmexxija tal-laqgħa f' idejh ġie deċiż li l-Kunsillier Camilleri għandu jġib stima tal-ispejjez imbagħad terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa.
Is-Sindku reġa daħal u kompla bit-tmexxija tal-laqgħa.

Korrispondenza mibgħuta mill-Inġinier Marco Cremona dwar diversi proġetti relatati ma' Eco-Gozo. Il-Kunsillier Refalo tkellem dwar il-programm ta' finanzjament. Ġie miftiehem li ssir laqgħa dwar is-suġġett.

*E-mail* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jitolbu l-opinjoni tal-Kunsill Lokali dwar tpoġġija ta' *notice boards* fil-lokal fejn fihom jitwaħħlu *notices* tal-MEPA b' informazzjoni fuq żvilupp. Ġie suġġerit li l-postijiet fejn għandhom ikunu mwaħħla dawn in-*notice boards* huma fil-*parking* ta' Triq Sta Marija, fejn il-Qbajjar Restaurant u r-*roundabout* ta' quddiem Villa Barda.

Korrispondenza mibgħuta mingħand Martin Baldacchino dwar ħsara li saritlu fil-proprjeta' tiegħu fi Triq ix-Xwejni meta t-triq ġiet miksija bil-*hot asphalt*. Ġie deċiż li ssir *site inspection* mis-Sindku.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

**Dawn il-pagamenti ġew approvata:-**

| | |
|---|---|
| *Update tal-website* tal-Kunsill (Philip Cassar) | €100.00 |
| Bukkett ward – quddiesa fiċ-ċimiterju (Fortunato Mifsud) | €35.00 |
| Tiswija ta' diversi lampi (Richard Cauchi) | €4,391.49 |
| Diversi tabelli u mera tat-traffiku (Refalo Signs) | €531.00 |

| | |
|---|---|
| Trasport tat-tfal tal-iskola primarja – Settembru – Ottubru 2010 | |
| (Felix Cini) | €81.20 |
| Servizz ta' *minibus* – ħarġa għal *bumping cars* | |
| (Felix Cini) | €25.00 |
| Servizz ta' taxi - iffirmar ta' ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali Mqabba | |
| (Felix Cini) | €60.00 |
| Tiġdid tal-polza ta' l-assikurazzjoni tal-flus 2011 | |
| (Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali) | €63.00 |
| Kotba (Merlin Library) | €202.20 |
| *Toner* għal *photo copier (*Smart Office Supplies Ltd) | €107.38 |
| Tqassim ta' *flyers* tal-Kunsill 09-18/2010 (Parroċċa Santa Marija) | €120.00 |
| Servizz ta' tlugħ ta' bnadar tal-Kunsill (Parroċċa Santa Marija) | €350.00 |
| Kotba (Merlin Library) | €33.15 |
| Kuruna tal-ward għal Jum it-Tifkira (Fortunato Mifsud) | €25.00 |
| Kiri ta' *floodlights* – il-Musical Għeruqna (Joe Cutajar) | €675.00 |
| Parteċipazzjoni fl-attivita' ta' Ilwien ir-Rebbiegħa 2010 | |
| (Għaqda Dilettanti tal-Karnival ta' Għawdex) | €250.00 |
| *Make-up* u aċċessorji għall-*cast* tal-Musical 'Għeruqna' | |
| (Lizanne Galea) | €360.00 |
| Spejjeż tal-uffiċċju (Smart Office Supplies Ltd) | €4.16 |
| Konsum u kera tal-linja tat-telefons | |
| (GO) | €147.16 |
| *Drinks* (Paschalino Cefai) | €47.00 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus – Ottubru 2010 | |
| (Group 4S Security Services Ltd) | €22.83 |
| Konsum u kera tal-linja tal-fax | |
| (GO) | €20.09 |
| Bdil ta' parts tal-*photo copier* (Office Group Ltd) | €196.47 |
| Żebgħa u pniezel (Dominic Dipartment Stores) | €61.18 |
| Tindif tal-uffiċini tal-Kunsill – Ottubru 2010 (Salvina Bajada) | €46.60 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla – Ġunju 2010 | |
| (WasteServ Malta Ltd) | €1,017.87 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla – Lulju 2010 | |
| (WasteServ Malta Ltd) | €1,017.87 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla – Awwissu 2010 | |
| (WasteServ Malta Ltd) | €1,017.87 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla – Settembru 2010 | |
| (WasteServ Malta Ltd) | €1,017.87 |
| Ħlasijiet dovuta għas-snin 2009 – 2010 – Performance Rights Society | |
| (Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali) | €36.00 |
| Servizzi legali (Perit Edward Scerri) | €4,302.71 |

## 8. XOGĦLIJIET PENDENTI

Ġie miftiehem li tinżamm laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u l-Kuntrattur tar-Road Construction dwar xogħolijiet ta' tarmak pendenti.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill Lokali approva dawn ix-xogħlijiet

- tinbidel il-plakka li kienet ġiet vandalizzata li tikommemora l-avveniment ta' meta Turu Rizzo qasam bejn Sqallija u Malta li hemm fi Triq Panoramika. Jagħmel ix-xogħol Alfred Saliba.
- jiġi provdut trasport nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru 2010 għaċ-Circo Martin.
- jitneħħew xi kantuni minn ġewwa katusa li kienet saret fi Triq Panoramika. Jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-Kunsill.
- jitħammel gandott li jinsab quddiem 42, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri. Jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-Kunsill.
- isir *water culvert* biex jiġbor fih l-ilma li jiżbroffa minn Triq il-Madonna taċ-Ċiċri kantuniera ma' Triq l-Oniċi. Nitolbu lill-Perit tal-Kunsill jagħmel *site inspection.*

Is-Sindku f' isem il-Kunsill awgura lis-Segretarja Eżekuttiva billi sa laqgħa oħra tkun diġa bdiet bil-*leave* tal-maternita'.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u l-Kunsill Lokali aġġorna *sine die*.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Carmelo Grima**
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***